MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2003

Numru 847/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Christopher Pullicino)

**vs**

**Robert Grech**
**Francois Cumbo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Robert Grech ta' 19 il-sena bin Paul u Mary nee Zerafa , imwieled Pieta' fis-17 ta' Settembru 1982 u joqghod ' Evergreen' Triq 23 ta' Lulju 1942, Zurrieq, detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 521382 (M)

U Francois Cumbo ta' 21 sena bin Manuel u Rita nee Zerafa, imwieled Pieta' fl-24 t' Awwissu 1980 u joqghod

gewwa ‘Madonnina’ Triq Napuljun, Zurrieq u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 393280 (M).

Talli:-

B’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jikssru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe’:
Fil-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Mejju u l-01 ta’ Gunju 2002 f’San Giljan , ikkomettew serq ta’ diversi oggetti minn vettura ta’ ghamla Renault Clio bin-numru ta’ Registrazzjoni li hu JAL 561 liema serq huwa kkwalifikat bil-hin , bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitt lira lira izda mhux l-elf lira maltin u bin-natura ta’ l-oggett misruq u sar ghad-detriment ta’ Sharon Vella minn Haz-Zabbar;

U ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti minn vettura ta’ ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni YAH 009 liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz , bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin u bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta’ Daniel Vassallo mill-Mosta;

U ukoll talli fil-lejl ta’bejn l-24 u l-25 ta’ Mejju 2002 f’ San Giljan , ikkommettew serq ta’ diversi oggetti minn vettura ta’ ghamla FIAT 600 b’numru ta’ registrazzjoni ABG 524 liema serq huwa kkwalifikat bil-hin , mezz u bin-natura tal-oggett u sar ghad-detriment ta’ Jasmine Stafrace mill-Isla.
U ukoll talli fl-istess dati hin, lok u cirkostanzi, ikkomettew serq ta’ diversi oggetti minn vettura ta’ ghamla KIA PRIDE, minn vettura ohra ta’ l-ghamla Subaru u minn vettura ohra tal-ghamla Ford Fiesta b’numri ta’ registrazzjoni mhux maghrufa liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bin-natura ta’ l-oggett misruq u sar ghad-detriment ta’ persuni mhux maghrufa;

U ukoll talli fil-hin ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Mejju 2002 waqt li kienu f’San Giljan, bil-hsieb li jikkommettu delitt, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ta’ serq minn go FIAT PUNTO

b'numru ta' registrazzjoni mhux maghruf ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku sehh kien ikun aggravta bil-hin, bil-mezz, u bin-natura tal-oggett misruq u ghad-detriment ta' persuna/I mhux maghrufa;

U Francois Cumbo wahdu akkuzat ukoll talli fl-ahhar xhur ta' qabell-14 t'Ottubru 2002 f'xi hin bil-lejl, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti (stereos) minn vettura ta' ghamla Citroen Visa u minn vettura ohra tal-ghamla Ford Escort b'numri ta' registrazzjoni mhux maghrufa liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

U Robert Grech wahdu akkuzat ukoll talli fl-ahhar xhur qabel l-14 t'Ottubru 2002, f'Wied iz-Zurrieq, ikkommetta serq ta' mobile phone tad-ditta Nokia ghad-detriment ta' persuna/I mhux maghrufa;

U fl-ahhar nett it-tnejn flimkien akkuzati ukoll f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamlu hsara fil-vettura Nru JAL561 ghad-dannu ta' Sharon Vella, fil-vettura YAH009 ghad-dannu ta' Daniel Vassallo, fil-vettura Nru ABG424 ghad-dannu ta' Jasmine Stafrace liema hsara f'kull kaz hija ta' aktar minn LM 50 izda anqas minn Lm 500;

U aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhum jew jmexxuhom.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzati ammettew l-akkuzi ta' serq kif kwalifikat fl-akkuza, attentat ta' serq kwalifikat fil-lejl 24/25 ta' Lulju 2002 u hsara kwalifikata.

Issibhom hatja.

Rat l-artikolu 41 (1) (a), 261, 270, 263, 267, 271, 18, 325(b) u 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu billi l-hatja ghadhom ta' eta zghira b'tama li jaqbdux triqat hziena u mweghra.

Tikkundanna lil-akkuzat Robert Grech sena prigunerija liema sentenza m'ghandix tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor soggett ghall-prigunerija fi zmien sentejn (2) m' illum u qed tfissierlu bi kliem car ir-responsabilitajiet tieghu taht artikolu 28 A u 28B.

Tikkundanna lill-akkuzat Francois Cumbo sena prigunerija liema sentenza m'ghandix tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor soggett ghall-prigunerija fi zmien sentejn (2) m' illum u qed tfissierlu bi kliem car ir-responsabilitajiet tieghu taht artikolu 28 A u 28B.

Qed tqieghed taht il-harsien tal-Ufficcjal tal-Probation Marietta Lanzon ghal-sentejn (2) iz-zewg hatja b'dan li l-ufficcjal ghandha taghmel rapport lill-Qorti fi zmien sitt xhur m'illum jew fi zmien iehor jekk hekk jidhrilha.

Tordna lill-Kummissarju tal-Puliziaj jaghti lura lin-nies misruqa d-dokumenti li gew esebiti formalament illum quddiem il-Qorti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------